

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-23 ta' Novembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo – Spanja) – Salvador Benjumea Bravo de Laguna vs Esteban Torras Ferrazzuolo

(Kawża C-381/16) ⁽¹⁾

Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 16 — Trade marks bħala oġġetti ta' proprjetà — Meta trade marks tal-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala trade marks nazzjonali — Artikolu 18 — Trasferiment ta' trade mark irreġistrata fisem aġent jew tar-rappreżentant tal-proprjetarju tat-trade mark — Dispożizzjoni nazzjonali li tagħti l-possibbiltà li titressaq azzjoni rivendikatorja fir-rigward tal-proprjetà ta' trade mark nazzjonali rreġistrata peress li tikkawża preġudizzju lid-drittijiet tal-proprjetarju jew bi ksur ta' obbligu legali jew kuntrattwali — Kompatibbiltà mar-Regolament Nru 207/2009

(2018/C 022/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Salvador Benjumea Bravo de Laguna

Konvenut: Esteban Torras Ferrazzuolo

Dispożittiv

l-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 [dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea], għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-applikazzjoni, fir-rigward ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, ta' dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema persuna aggravata, mir-reġistrazzjoni ta' trade mark li għaliha saret applikazzjoni peress li tikkawża preġudizzju għad-drittijiet ta' tagħha jew tikser obbligu legali jew kuntrattwali, għandha dritt tirrivendika l-proprjetà tal-imsemmija trade mark, sakemm is-sitwazzjoni kkonċernata ma taqax f'dawk koperti mill-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament.

⁽¹⁾ ĠU C 335, 12.09.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-23 ta' Novembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sofiyski rayonen sad – il-Bulgarija) – “CHEZ Elektro Bulgaria” AD vs Yordan Kotsev (C-427/16), u “FrontEx International” EAD vs Emil Yanakiev (C-428/16)

(Kawżi Magħquda C-427/16 u C-428/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kompetizzjoni — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Iffissar minn organizzazzjoni professjonali ta' avukati tal-ammonti minimi ta' onorarji — Projbizzjoni għal qorti li torndna r-rimbors ta' ammont ta' onorarji inqas minn dawn l-ammonti minimi — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkunsidra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) bħala parti mill-prezz ta' servizz ipprovdut fl-eżerċizzju ta' professjoni liberali)

(2018/C 022/17)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Sofiyski rayonen sad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: "CHEZ Elektro Bulgaria" AD (C-427/16), "FrontEx International" EAD (C-428/16)

Konvenuti: Yordan Kotsev (C-427/16), Emil Yanakiev (C-428/16)

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 101(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, minn naħa, ma tippermettix lill-avukat u lil klijent tiegħu milli jilhqg ftehim dwar remunerazzjoni ta' ammont inqas mill-ammont minimu ffissat minn regolament adottat minn organizzazzjoni professjonali ta' avukati, bħall-Vissh advokatski savet (kunsill suprem tal-avukatura, il-Bulgarija), taħt piena għal dan l-avukat ta' proċeduri dixxiplinari, u, min-naħa l-oħra, ma tawtorizzax lill-qorti sabiex tordna r-rimbors ta' ammont ta' onorarji inqas minn dan l-ammont minimu, tista' tirrestrinġi l-kompetizzjoni fis-suq intern fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk tali leġiżlazzjoni, fid-dawl tal-metodi konkreti ta' applikazzjoni tagħha, tissodisfax verament għanijiet leġittimi u jekk ir-restrizzjonijiet imposti b'dan il-mod humiex limitati għal dak li huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata l-implementazzjoni ta' dawn l-għanijiet leġittimi.
- 2) L-Artikolu 101(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE u mad-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE, tat-22 ta' Marzu 1977, biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha persuni ġuridiċi u n-negozjanti indipendenti jibbenefikaw minn rimbors tar-remunerazzjoni tal-avukat, ordnat mill-qorti nazzjonali, jekk ikunu ġew difiżi minn konsultent legali.
- 3) Il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 78 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha t-taxxa fuq il-valur miżjud tiġi kkunsidrata bħala parti mill-onorarji tal-avukati li huma rreġistrati, jekk din għandha bħala effett intaxxar doppju tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq dawn l-onorarji.

⁽¹⁾ ĠU C 371, 10.10.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Novembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad Sofia-grad – il-Bulgarija) – Entertainment Bulgaria System EOOD vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofia

(Kawża C-507/16) ⁽¹⁾

Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 168 (a) u Artikolu 169(a), Artikolu 214(1)(d) u (e) u Artikoli 289 u 290 — Tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input dovuta jew imħallsa — Tranżazzjonijiet tal-output fi Stati Membri oħra — Skema ta' eżenzjoni mit-taxxa fl-Istat Membru li fih jiġi eżerċitat id-dritt ta' tnaqqis

(2018/C 022/18)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad Sofia-grad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Entertainment Bulgaria System EOOD

Konvenut: Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofia